MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 1032/2009

Go p.l.c (C22334)
vs
Exodus Global Group Holdings Limited (C37029)

Il-Qorti

Rat ir-rikors guramentat ts-socjeta Go p.l.c. fejn gie premess:-

1. Illi s-socjeta' attrici, li precedentement kienet topera taht l-isem ta' Maltacom p.l.c., bidlet isimha, u dan fl-istess waqt li hija zammet l-istess personalita' guridika ezistenti stante li n-numru ta' registrazzjoni taghha mar-Registratur tas-socjetajiet baqa' l-istess, cioe' C-22334, u dan kif jirrizulta mill-anness dokument mmarkat bhala Dok G.

Illi s-Socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf disa' mija u erba' Euro u sitta u tletin centezmu (€23904.36), u dan in konnessjoni ma servizzi telefonici bin-numri 21227304, 21227305, 21227306, 21372134, 21374919, 21579927, 21579928, 21808825, u 25530000 (AC40064201); 21822182 u 21822193 (AC40079157); 21466401 (AC40078830); 21463000 (AC40078732); 213383304 u 213383305 (AC40064292); u 21389863 (AC40071383).

Illi s-socjeta konvenuta giet interpellata biex thallas diversi drabi, izda din baqghet inadempjenti;

Illi l-Avukat Dr. Keith Grech huwa mpjegat tas-socjeta' attrici p.l.c. u jaf b' dawn il-fatti personalment, wara li vverifika ma' l-informazzjoni fil-files relattivi tas-socjeta' attrici.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Fuq dawn il-premessi is-socjeta attrici qed titlob li din il-Qorti, prevja li jinghataw id-dikjarazzjoniet u provedimenti opportuni, tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf disa' mija u erba' euro u sitta u tletin centezmu (€23904.36) in konnessjoni mas-servizzi telefonici imsemmija.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-prezentati, dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, u bl-imghaxijiet legali, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ukoll ingunta ghas-subizzjoni.

Rat li s-socjeta' konvenuta ghalkemm debitament notifikata naqset li tidher u naqset li tirrispondi ghall-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici.

Semghet lix-xhud prodott mis-socjeta' attrici.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Il-ppretensjoniet attrici jirrizultaw giustifikati u kwindi jimmeritaw li jigu akkolti.

Tiddeciedi billi tilqa t-talbiet attrici.

Spejjez kollha kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------